# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 200/2014**

Il-Pulizija

vs

**Antonie Galea**

iben Alfred , imwieled Pieta', fit-13 ta' April, 1977, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 241677(M)

Illum, 26 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Antoine Galea quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-20 ta' Ottubru 2013, ghall-habta ta' 2.20am fi Triq Manuel Magri, Hamrun:

1. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni ALF180 b'manjiera perikoluza.
2. Saq l-imsemmija vettura bin-numru tar-registrazzjoni ALF180 b'manjiera traskurata.
3. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni ALF180 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

4. Talli gewwa l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun irrifjuta jew naqas li jaghti kampjun tan-nifs meta kien mitlub li jaghmel hekk skont il-ligi.

Il-Prosekuzzjoni tablet illi l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn sitt xhur.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' April, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2), 15A u 15E tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberat lill-imputat mill-ewwel u t-tieni akkuza filwaqt li sabitu hati tat-tielet u raba' akkuza u ikkandannatu ihallas multa komplessiva ta' elf u hames mitt euro (€1500) u issospenditlu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Antoine Galea ipprezentat fit-8 ta' Mejju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza hawn imsemmija fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, tghaddi sabiex tirrevoka u thassar dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet u tar-raba mputazzjoni u minnhom tilliberah jew fin-nuqqas tghaddi sabiex tinfliggi penali aktar idoneja.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa fis-sens li gja la darba li ma giex ippruvat b'mod car li l-appellant kien qieghed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ALF180 u gja la darba li kien illiberat mill-ewwel u mit-tieni mputazzjoni, konsegwentement ma jaghmilx sens li jigi ddikjarata hati li kien qieghed issuq taht l-influwenza ta' xorb jew droga.

Illi jekk wiehed jara l-provi li tressqu 'l quddiem f'din il-kawza, dawn huwa receipt tal-breathalyzer test li rrizultaw fin-negattivi, ghalkemm hemm notament li ma kienx hemm bizzejjed arja biex jittiehed it-test u xhieda ta' pulizija wiehed li xehed li xamm xi riha ta' xorb kif ukoll sid il-vettura skontratat li xehed li ra lill-appellant u rah allegatament fis-sakra. Illi skont l-appellant ir-rizultanzi ta' dan it-test ma kienux ikkonfermati bil-gurament mill-persuna li ghamel dan it-test u ghalhekk tali rizultanzi ma jistghux jikkostitwixxu prova fil-kamp penali.

Inoltre, skont l-appellant, f'din il-kawza jezistu diversi dubji dwar id-dinamika vera ta' kif sehhet il-grajja li waslet biex l-esponenti jinhargu kontra tieghu l-akkuzi hawn indikati.

Illi dan jinghad billi filwaqt li bhala xhieda tharrek persuna li xehed li l-appellant habat mal-vettura tieghu minn naha l-ohra hemm ir-rapport 'PIRS' fejn hemm indikat li l-vettura tal-appellant habtet ma' barrier u mhux ma vettura.

Illi skont l-appellant kull dubju ghandu jimmilita favur l-appellant u zgur mhux favur il-prosekuzzjoni.

Illi skont l-esponenti gja la darba li ma giex pruvat b'mod konkret li l-appellant kien taht l-effett tax-xorb, permezz ta' breathalyzer test, allura skont l-appellant huwa ma setghax jinstab hati ta' din it-tielet akkuza ghaliex dejjem hemm id-dubju ta' jekk fil-fatt l-appellant kienx taht l-effett tax-xorb jew le u jekk kien, x'livell ta' alkohol kellu u jekk dan il-livell kienx fuq il-limitu jew le.

Illi gja la darba dan il-livell ma giex pruvat, allura skont l-appellant il-provi prodotti zgur li ma jistghu qatt iwasslu sal-livell rikjest fil-kamp penali u f'kaz ta' dubju dan ghandu jimmilita favur l-appellant u zgur mhux kontrih. Illi x-xhieda tal-pulizija fir-rigward tat-tielet imputazzjoni kienet li allegatament xamm riha ta' xorb, liema riha pero' lanqas ma ddeskrivija bhala wahda qawwija, filwaqt li t-terz ighid biss li rah fis-sakra, dawn iz-zewgt verzjonijiet, skont l-esponenti, zgur li ma jistghux jitqiesu bhala l-ahjar prova li setghet iggib il-prosekuzzjoni.

Inoltre, skont l-appellant, il-pulizija li xehed mhuwiex xi espert fil-qasam tax-xamm jew tal-alkohol u ghalhekk ix-xhieda tieghu fir-rigward tat-tielet akkuza ghandha titqies biss bhala opinjoni u mhux stat ta' fatt.

Illi izjed minn hekk kemm sid il-vettura skontrata u kemm il-pulizija li xehed f'din il-kawza, it-tnejn xehedu li ma kienux raw lill-appellant jsuq il-vettura u dan stante li l-pulizija kien xehed li huwa kien attenda fuq il-post wara rapport bit-telefon filwaqt li l-persuna l-ohra xehedet li kienet qieghda zzarma xi armar ftit lil hemm mill-vettura taghha u semghet 'bumm'.

Illi skont l-appellant, gja la darba  ma ngabet ebda prova cara li turi li l-appellant kien qieghed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ALF180, gja la darba li lanqas ma ngabu bhala xhieda l-wardens li nvestigaw il-kaz li forsi kienet tkun l-ahjar prova li tikkonferma minn kien effettivament qieghed isuq il-vettura li habtet, billi ma ngabet ebda prova konklussiva li turi li l-appellant kien taht l-effet tal-alkohol u x'livell ta' alkohol effettivament kellu, allura skont l-appellant huwa ma jistghax jinstab hati tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa fis-sens li huwa ma seta' qatt jinstab hati li rrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs u dan peress illi huwa ben maghruf u stabilit li fejn ikun hemm rifjut da parti ta' persuna li tissottometti ruhha ghall-ezami tan-nifs (breathalyzer test) dan ir-rifjut meta jsir fil-konfront ta' dak li huwa maghruf bhal ir-road side test, dan jaghti biss lok ghall-arrest tal-persuna u ma hux ir-reat kontemplat fil-ligi, billi dan jissusisti biss meta ir-rifjut isir fil-laboratorju fejn jinsab l-equipment pre-ordinat mill-ligi sabiex isir it-test (il-kwartieri Generali tal-Pulizija).

Illi f'dan il-kaz johrog car li l-appellant ittiehed biss sal-ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun u mhux fil-kwartieri generali tal-pulizija.

Illi f'dan ir-rigward l-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Julian Sciberras" deciza fit-13 ta' Marzu 2001 kif ukoll ghall-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt. Elton Taliana) vs. Raymond Parnis" deciza fit-2 ta' Mejju 2012.

Illi gja la darba li t-test tal-breathalyzer ittiehed fl-Ghassa taz-Zejtun u mhux f'laboratorju indikat fil-ligi, allura skont l-appellant huwa ma jistghax jinstab hati tar-raba' akkuza.

Illi t-tielet aggrazvju huwa fir-rigward tal-piena li skont l-appellant f'kaz li huwa kellu jinstab hati, kellha tapplika fil-konfront tieghu piena aktar idoneja u anqas harxa, anka tenut kont li l-appellant jahdem bhala delivery person, li xogholu jirrikjedi li jsur ta bil-fors.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Preliminarjament, jigi rilevat li l-kawza quddiem l-ewwel Qorti kienet wahda sommarja. Dan ifisser illi x-xhieda ta' dawk li xehedu ma gietx traskrittta u ghalhekk din il-Qorti kellha tisma x-xhieda mill-gdid.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-20 ta' Ottubru, 2013 ghal habta tas-2.20 a.m. fi Triq Manuel Magri, Hamrun certu George Spiteri kien qed izarma it-tilar tieghu bix-xoghol billi dak in-nhar f'dik it-triq kienet saret festa. Fil-hin indikat hu sema hoss ta' zewg vetturi mahbuta u meta dar ra l-vettura hawn fuq indikata mahbuta gol-vettura tieghu. George Spiteri xehed li l-appellant nizel mill-vettura tieghu. Fil-fatt, gharafu fl-awla. Meta nizel George Spiteri xamm riha ta' xorb gejja mill-appellant u li l-appellant ma kienx f'siektu. Hu xehed li nizel hafi mill-karozza u keelu riha ta' whisky.

Illi George Spiteri mar jirraporta l-ghassa tal-Hamrun. Il-pulizija gew fuq il-post u mix-xhieda ta' PS1482 Bjorn Schembri jirrizulta li l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb, ma kienx jiflah joqghod bil-wieqfa u kellu ghajnejh baxxi. Is-Surgent talab lill-appellant jekk ried jaghmel test tal-alkohol u l-appellant irrisponda fil-pozittiv. L-eqreb ghassa li kellha apparat li jahdem kienet l-ghassa taz-Zejtun. Hemmhekk, gie moghti d-drittijiet tieghu u intalab jonfoh fl-apparat. Mix-xhieda tas-surgent jirrizulta li l-appellant mhux talli ma bediex jonfoh kif suppost izda kien qed jidhaq ukoll. It-test sar darbtejn izda z-zewg tentattivi kienu ghal xejn.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-fatt li ma hemmx il-prova li hu kien qed isuq il-vettura hawn fuq indikata.  Dan mhux minnu ghaliex George Spiteri ndika fil-mori tax-xhieda tieghu lill-appellant bhala s-sewwieq tal-vettura.

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda t-test tan-nifs.  L-appellant jikkontendi li ma kellhux jittiehed l-ghassa taz-Zejtun il-Kwartieri Generali tal-Pulizija.  Din it-tezi hi wahda erroneja ghas-semplici raguni li l-Avviz Legali 392 ta' l-2010, regolament 6, jindika li dan it-test jista' jsir f'ghassa wkoll.

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti.  Din il-Qorti rat li l-piena hi fil-parametri tal-ligi u kwalunkwe kumment iehor hu zejjed.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Antoine Galea u tikkonferma s-sentenza appellata.